

Kawża T-40/06

Trioplast Industrier AB

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċizzjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tul tal-ksur — Multi — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Proporzjonalità — Responsabbiltà in solidum — Prinċipju ta’ ċertezza legali”

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-13 ta’ Settembru 2010 II - 4900

Sommarju tas-sentenza

1. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċizzjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Oneru tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prova tal-ksur u tat-tul tiegħu — Portata tal-oneru probatorju (Artikolu 81(1) KE)*
2. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Impriża ttrasferita diversi drabi matul il-ksur — Suċċessjoni razione temporis ta’ diversi kumpanniji parent (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)*

3. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Evalwazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tar-realtà ekonomika li kienet teżisti meta twettaq il-ksur*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(3); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)
4. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża — Kriterji ta' evalwazzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel inċiż tal-punt 3)
5. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Obbligu li tiġi żgurata proporzjonalità bejn l-ammont tal-multi u l-volum globali tas-suq tal-prodotti kkonċernati — Assenza*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(3))
6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Ammont massimu — Kalkolu — Dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni — Multa ikbar mid-dħul mill-bejgħ magħmul permezz tal-prodotti kkonċernati — Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Assenza*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2))
7. *Kompetizzjoni — Multi — Responsabbiltà in solidum għall-ħlas — Determinazzjoni tal-ammont tal-multa li għandu jitħallas mill-impriża responsabbli in solidum — Impriża trasferita diversi drabi matul il-ksur — Suċċessjoni razione temporis ta' diversi kumpanniji parent*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)

1. Il-Kummissjoni mhux biss għandha l-oneru li ttipprova l-eżistenza ta' akkordju iżda wkoll it-tul tiegħu. F'dan ir-rigward, fin-nuqqas ta' provi li jistgħu jistabbilixxu direttament it-tul ta' ksur, il-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha, minn tal-inqas, fuq provi relatati ma' fatti li seħħew fi żminijiet suffiċjentement qrib, b'tali mod

li jkun jista' jiġi raġonevolment ammess li dan il-ksur seħħ bla interruzzjoni bejn żewġ dati.

F'sitwazzjoni fejn huwa stabbilit li impriża pparteċipat fi ksur kemm qabel kif ukoll wara ċertu perijodu, billi pparteċipat f'sensiela ta' laqgħat antikompetittivi mingħajr ma ddissoċjat ruħha pubblikament mill-kontenut tagħhom, jista' jiġi konkluż li l-ksur kompli għaddej mingħajr waqfien jekk l-impriża ġiet mistiedna tipparteċipa fil-laqgħat antikompetittivi li seħħew matul dan il-perijodu u hija kienet skużat ruħha diversi drabi għall-assenza tagħha.

(ara l-punti 41, 42, 46-48)

2. Fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-multi imposti minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-metodu użat mill-Kummissjoni huwa li kumpannija parent tiġi attribwita l-istess ammont inizjali bħal dak deċiż fir-rigward tas-sussidjarja li pparteċipat direttament fl-akkordju, mingħajr id-diviżjoni, fil-każ ta' suċċessjoni *ratione temporis* ta' diversi kumpanniji parent, ta' dan l-ammont, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala intrinsikament mhux xierqa. Fil-fatt, l-għan imfittex mill-Kummissjoni, permezz tal-użu ta' dan il-metodu ta' kalkolu, huwa li kumpannija parent, li tinżamm responsabbli għal ksur

minħabba l-imputazzjoni lilha tal-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha, tiġi attribwita l-istess ammont inizjali li hija kienet tiġi attribwita li kieku hija kienet ipparteċipat direttament fl-akkordju nnifsu. Issa, dan huwa konformi mal-għan tal-politika ta' kompetizzjoni u, b'mod partikolari, ma' dak tal-istrument ta' din il-politika kkostitwit mill-multi, li jikkonsisti f'li l-aġir tal-impriżi jiġi orjentat lejn l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Iċ-ċirkustanza li l-ammonti attribwiti lill-kumpanniji parent suċċessivi, meta magħduda flimkien, jaqbuż l-ammont attribwit lis-sussidjarja tagħhom, ma tistax, fiha nnifisha, twassal għall-konklużjoni li dan il-metodu ta' kalkolu huwa manifestament żbaljat. Fil-fatt, fid-dawl tal-applikazzjoni tal-metodoloġija esposta fil-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA u tal-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet, il-Kummissjoni tista', ladarba l-eżistenza ta' entità ekonomika li pparteċipat fil-ksur tkun stabbilita, iżomm lil waħda mill-persuni ġuridiċi ta' din l-entità, jew li kienet ta' din l-entità, kemm jekk hija l-kumpannija parent jew anki sussidjarja, responsabbli għall-ħlas ta' ammont ogħla min dak li għandu jitħallas mill-persuna jew persuni ġuridiċi l-oħra li jiffirmaw jew li kienu jiffirmaw l-imsemmija entità ekonomika. Minn dan jirriżulta li, fil-każ ta' ksur imwettaq minn sussidjarja li suċċessivament saret proprjetà ta' diversi entitajiet ekonomiċi matul il-ksur, il-fatt li r-riżultat tal-ammonti attribwiti lill-kumpanniji parent ikun ogħla mill-ammont, jew mir-riżultat tal-ammonti,

attribwit lill-imsemmija sussidjarja, ma jistax *a priori* jiġi kkunsidrat bħala mhux xieraq.

responsabbli biss bħala kumpanniji parent jiġu ttrattati bħala parteċipanti diretti fil-ksur, is-sena ta' referenza ma tistax, mingħajr indizzji oħra rilevanti, tkun sena li matulha l-entità ekonomika komposta mill-kumpannija parent u mis-sussidjarja kienet għadha ma teżistix.

(ara l-punti 74, 76)

(ara l-punti 91, 93, 95)

3. Fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-multi imposti għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur għandha tkun tirrigwarda r-realtà ekonomika li kienet teżisti fiż-żmien ta' meta twettaq l-imsemmi ksur. F'dan ir-rigward, l-elementi rilevanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma, b'mod partikolari, id-daqs u s-setgħa ekonomika ta' kull impriża kif ukoll id-daqs tal-ksur imwettaq minn kull waħda fosthom. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi, għandu neċessarjament isir riferiment għad-dħul mill-bejgħ magħmul fiż-żmien inkwistjoni.
4. Skont l-ewwel inċiż tal-punt 3 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA, ir-“rwol esklużivament passiv jew emulattiv” ta' impriża fit-twettiq tal-ksur jikkostitwixxi, jekk jiġi stabbilit, ċirkustanza attenwanti. Rwol passiv jimplika l-adozzjoni ta' approċċ “low-profile” mill-impriża kkonċernata, jiġifieri nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva fl-elaborazzjoni ta' xi ftehim antikompetittiv.

Is-sena ta' referenza ma għandhiex neċessarjament tkun l-aħħar sena sħiħa li matulha seħħ il-ksur.

Fost l-elementi li jistgħu jiżvelaw ir-rwol passiv ta' impriża fi ħdan akkordju, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm in-natura sostanzjalment iktar sporadika tal-parteeċipazzjoni tagħha fil-laqgħat meta mqabbla ma' dik tal-membri ordinarji tal-akkordju kif ukoll id-dħul tardiv tagħha fis-suq li kien is-suġġett tal-ksur, indipendentement mit-tul tal-parteeċipazzjoni tagħha f'dan il-ksur jew saħansitra l-eżistenza tad-dikjarazzjonijiet espliċiti f'dan is-sens magħmula minn

Fil-kuntest tal-kalkolu tal-multi, meta l-Kummissjoni tapplika metodu individwalizzat, li jkun intiż sabiex id-destinatarji tad-deċiżjoni li nżammew

rappreżentanti ta' impriżi terzi li jkunu pparteċipaw fil-ksur.

b'mod partikolari, ir-riżultat ta' diversi ċirkustanzi relatati mal-aġir individwali tal-impriża inkwistjoni, bħall-eżistenza ta' ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti.

Barra minn dan, il-fatt li impriżi oħra li pparteċipaw fl-istess akkordju uniku setgħu kienu iktar attivi minn parteċipant partikolari ma jimplikax, għaldaqstant, li dan tal-aħħar kellu rwol esklużivament passiv jew emulattiv. Fil-fatt, hija biss il-passività totali li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni u din għandha tiġi stabbilita mill-parti li tinvokaha.

Minn dan il-qafas ġuridiku ma jistax jiġi dedott li l-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm proporzjonalità bejn l-ammont totali tal-multi, hekk ikkalkolati u imposti fuq il-parteċipanti tal-akkordju, u l-volum tas-suq tal-prodott ikkonċernat matul sena partikolari tal-ksur, fid-dawl tal-fatt li l-ksur dam għaddej għal iktar minn għoxrin sena u li l-ammonti tal-multi jiddependu wkoll fuq ċirkustanzi oħra marbuta mal-aġir individwali tal-impriżi kkonċernati.

(ara l-punti 106-108)

(ara l-punti 141, 142)

5. Waqt id-determinazzjoni tal-ammont ta' multa imposta għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali u ma hijiex obligata tapplika, f'dan ir-rigward, formula matematika preċiża. Skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, l-ammont tal-multa huwa ddeterminat abbażi tal-gravità tal-ksur u tat-tul tiegħu. Barra minn hekk, l-imsemmi ammont huwa r-riżultat ta' sensiela ta' evalwazzjonijiet iċċifrati magħmula mill-Kummissjoni b'mod konformi mal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA. Id-determinazzjoni ta' dan l-ammont hija,
6. L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, huwa intiż sabiex jevita li l-multi jkunu sproporzjonati. F'sitwazzjoni fejn l-ammont tal-multa finali ma jaqbiżx il-limitu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sproporzjonat minħabba li l-ammont totali tal-multi jaqbeż il-volum globali tas-suq rilevanti, u lanqas minħabba li l-multa taqbeż id-dħul mill-bejgħ annwali magħmul minn impriża permezz tal-prodott inkwistjoni. Il-limitu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ għandu jiġi applikat mingħajr it-teħid

inkunsiderazzjoni tar-rwol speċifiku li impriża kellha fl-akkordju.

responsabbli *in solidum* għall-ksur tar-regoli tal-Kompetizzjoni.

Fir-rigward tal-paragun bejn l-impriżi destinatarji ta' deċiżjoni li timponilhom multi, differenza fit-trattament tista' tkun il-konsegwenza diretta tal-limitu massimu li r-Regolament Nru 1/2003 jimponi fuq il-multi, li evidentement japplika biss fil-każijiet fejn l-ammont tal-multa proposta kien ser jaqbeż l-10% tad-dħul mill-bejgħ tal-impriża kkonċernata. Tali differenza fit-trattament ma tistax tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

(ara l-punti 144, 147)

7. Il-prinċipju ta' ċertezza legali jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi, b'mod partikolari, li kull att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jimponi jew jimp-ermetti l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, ikun ċar u preċiż, sabiex il-persuni kkonċernati jkun jistgħu jsiru jafu mingħajr ambigwiżità d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minnu u jkun jistgħu jaġixxu konsegwentement.

Meta kumpannija parent u sussidjarja jikkostitwixxu jew kienu jikkostitwixxu entità ekonomika li pparteċipat f'akkordju, il-Kummissjoni tista' żżommhom

Fil-każ ta' sussidjarja li kienet suċċessivament ta' diversi kumpanniji parent, xejn ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli żżomm lid-diversi kumpanniji parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħhom. Min-naħal-oħra, deċiżjoni li tagħti lill-Kummissjoni libertà sħiħa fir-rigward tal-irkupru tal-multa mingħand waħda jew oħra mill-persuni ġuridiċi kkonċernati, li abbażi tagħha l-Kummissjoni tista' għalhekk tiddeċiedi li tirkupra l-multa kollha jew parti minnha mingħand is-sussidjarja jew mingħand waħda mill-kumpanniji parent jew mingħand il-kumpanniji parent kollha li kkontrollaw suċċessivament is-sussidjarja, sakemm il-multa tas-sussidjarja titħallas kollha, tissuġġetta, mingħajr ma tkun tista' tiġi invokata xi ġustifikazzjoni bbażata fuq in-natura dissważiva tal-multi, l-ammont effettivament irkuprat mingħand waħda mill-kumpanniji parent għall-ammont irkuprat mingħand l-oħrajn. Issa, sa fejn dawn il-kumpanniji parent suċċessivi qatt ma fformaw, flimkien, entità ekonomika komuni, ma jista' jkun hemm ebda responsabbiltà *in solidum* li torbothom flimkien. Il-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet jeżiġi li l-ammont effettivament imħallas minn waħda mill-kumpanniji parent ma jaqbiżx il-kwota tar-responsabbiltà *in solidum* tagħha. Meta deċiżjoni tonqos milli tispeċifika l-kwota dovuta mill-kumpanniji parent, filwaqt li tagħti lill-Kummissjoni libertà sħiħa fir-rigward tal-implementazzjoni tar-responsabbiltajiet *in solidum* rispettivi tal-kumpanniji parent suċċessivi, li qatt ma fformaw

entità ekonomika bejniethom, tali deċiżjoni hija inkompatibbli mal-obbligu li l-Kummissjoni għandha, skont il-prinċipju ta' ċertezza legali, li tqiegħed lill-kumpanniji parent f'pożizzjoni li jkunu jafu mingħajr ambigwiżà l-ammont eżatt tal-multa li huma għandhom iħallsu fir-rigward tal-perijodu li għalih huma nżammew responsabbli għall-ksur *in solidum* mas-sussidjarja. Tali

deċiżjoni tikser kemm il-prinċipju ta' ċertezza legali kif ukoll il-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet.

(ara l-punti 161, 163-167, 169, 170)